

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tad-9 ta' Diċembru 2014
li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill

(2014/900/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 11(6) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Mill-1 ta' Novembru 2014, meta att jiġi adottat mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu jiġi verifikat li l-Istati Membri li jikkostitwixxu l-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni.
- (2) Sal-31 ta' Marzu 2017, meta att jiġi adottat mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, membru tal-Kunsill jista' jitlob li dan jiġi adottat f'konformità mal-maġġoranza kwalifikata kif definita fl-Artikolu 3(3) tal-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet transitorji, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika. F'dak il-każ, membru tal-Kunsill jista' jitlob li ssir verifika biex jiġi żgurat li l-Istati Membri li jikkostitwixxu l-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw mill-inqas 62 % tat-total tal-popolazzjoni tal-Unjoni.
- (3) Dawk il-perċentwali jiġu kkalkolati konformement maċ-ċifri tal-popolazzjonijiet stipulati fl-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (minn hawn 'il quddiem "ir-Regoli ta' Proċedura").
- (4) L-Artikolu 11(6) tar-Regoli ta' Proċedura jipprovdi li, b'effett mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, il-Kunsill għandu jemenda ċ-ċifri stipulati fl-Anness, konformement mad-data li tkun disponibbli għall-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' qabel.
- (5) Għaldaqstant, ir-Regoli ta' Proċedura għandhom jiġu emendati għa-sena 2015,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura għandu jiġi ssostitwit bit-test li ġej:

"ANNEX III

Iċ-ċifri rigward il-popolazzjoni tal-Unjoni u l-popolazzjoni ta' kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill

Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 16(4) TUE, l-Artikolu 238(2) u (3) tat-TFUE u l-Artikolu 3(2) tal-Protokoll Nru 36, il-popolazzjoni tal-Unjoni u l-popolazzjoni ta' kull Stat Membru, kif ukoll il-perċentwal tal-popolazzjoni ta' kull Stat Membru meta mqabbel mal-popolazzjoni tal-Unjoni, għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015, għandhom ikunu kif ġej:

Stat Membru	Popolazzjoni (× 1 000)	Perċentwal tal-popolazzjoni totali tal-Unjoni
Ġermanja	80 704,691	15,91
Franza	66 076,909	13,02

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).

Stat Membru	Popolazzjoni (× 1 000)	Perċentwal tal-popolazzjoni totali tal-Unjoni
Renju Unit	64 105,654	12,63
Italja	61 152,798	12,05
Spanja	46 507,760	9,17
Polonja	38 018,000	7,49
Rumanija	19 942,642	3,93
Pajjiżi l-Baxxi	17 082,000	3,37
Belġju	11 203,992	2,21
Greċja	10 992,783	2,17
Portugall	10 427,301	2,06
Repubblika Ċeka	10 398,697	2,05
Ungerija	9 877,365	1,95
Svezja	9 644,864	1,90
Awstrija	8 511,000	1,68
Bulgarija	7 245,677	1,43
Danimarka	5 621,607	1,11
Finlandja	5 451,270	1,07
Slovakkja	5 400,598	1,06
Irlanda	4 604,029	0,91
Kroazja	4 246,809	0,84
Litwanja	2 943,472	0,58
Slovenja	2 061,085	0,41
Latvja	2 001,468	0,39
Estonja	1 315,819	0,26
Ċipru	858,000	0,17
Lussemburgu	549,680	0,11
Malta	425,384	0,08
Total	507 371,354	
Livell limitu (62 %)	314 570,239	
Livell limitu (65 %)	329 791,380".	

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2015.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

C. DE VINCENTI
